

Il-Papa jistieden lill-bnedmin ta' rieda tajba sabiex ningħaqdu flimkien u nitolbu biex kull pajjiż ikun determinat u jagħmel minn kollox biex iħares l-ewwel u qabel kollox il-futur tal-aktar ċkejknin, speċjalment dawk li qed ibatu.

**Qari:** *Diskors tal-Papa waqt żjara lil St Joseph's Home fil-Kolumbja f'Settembru 2017*

F'Settembru 2017, waqt żjara li l-Papa Franġisku għamel f'St Joseph's Home f'Medellin, fil-Kolumbja, hu tkellem mat-tfal, kif ukoll mal-persuni li jieħdu ħsiebhom u mal-għalliema tagħhom. F'din id-Dar, il-carers u l-għalliema jieħdu ħsieb it-tfal li jkunu ħarbu mill-vjolenza kkawżata minn gruppi tal-gwerilla u minn traffikanti tad-droga, kif ukoll dawk it-tfal li jkunu mwarrbin jew ittrattati ħażin mill-ġenituri tagħhom. Il-Papa Franġisku qal: "Li tara t-tfal ibatu, tferilna qalbna għaliex it-tfal huma l-favoriti ta' Ġesù. Qatt ma nistgħu naċċettaw li huma jiġu ttrattati ħażin, li huma jkunu mċaħħda mid-dritt tagħhom li jgħixu t-tfulija tagħhom b'mod paċifiku u ferrieħi, jew li huma jiġu mċaħħda minn futur mimli tama ...Madankollu, Ġesù qatt ma jabbanduna lil dawk li jsofru, iżjed u iżjed lilkom tfal, subien u bniet, għax intom speċjali ħafna għalih."

Mulej Ġesù, għalik iċ-ċkejknin huma speċjali
u żgur li ma tixtiqhomx ibatu.
Lill-appostli, li dehrilhom li m'għandhomx
iħallu lit-tfal ifixkluk u jdejquk, int għidtilhom:
"Ħallu lit-tfal żgħar jiġu għandi; iżżommuhomx,
għax ta' min hu bħalhom hija s-Saltna ta' Alla." [Mk:10:15]
Iżda, minkejja dan kollu, Mulej, ngħid il-veritá
ma nistax nifhem għalfejn xi tfal isibu ruħhom
f'sitwazzjonijiet tal-biża', f'sitwazzjonijiet imwiegħra,
f'sitwazzjonijiet li m'għandhomx kontroll fuqhom.
Mulej, it-tfal huma innoċenti u żgur li ma ħaqqhomx
u ma jixirqilhomx li jiġu ttrattati b'dak il-mod.
Għax it-tfal, Mulej, huma rigal li inti tagħtina.


email: talbmalpapa@gmail.com

Kemm hi diffiċli biex tifhem li
xi kultant uħud jaħsbu li t-tfal qegħdin
biex jaqdu lilhom u l-fantasiji tagħhom
u għalhekk jabbużaw minnhom,
jew jittrattawhom ħażin, u minħabba f'hekk
dawn it-tfal jgħaddu minn kalvarju sħiħ.
Mulej, nixtieq nitlob għal dawk it-tfal kollha
li għaddejjin minn xi tip ta' tbatija minħabba mard,
ġlied, gwerwer jew xi tip ieħor ta' vjolenza.
Nixtieq nitlob għal dawk it-tfal kollha li qed ibatu l-ġuħ
jew li kellhom jitilqu minn pajjiżhom
flimkien mal-ġenituri tagħhom, minħabba xi tip ta' inġustizzja.
Mulej, agħtihom il-kuraġġ li għandhom bżonn
u għinhom ħalli jsibu min jgħinhom u jħenn għalihom.
Mulej, għinna ħalli ma nitħawdux quddiem
sitwazzjonijiet atroċi li xi tfal isibu ruħhom fihom.
Għinna, Mulej, ħalli nkunu kapaċi nafdawhom f'idejk,
imma fuq kollox nagħmlu dak kollu li nistgħu
biex intaffu l-uġigħ ta' dawn it-tfal innoċenti.
Mulej, nitolbuk biex teħlishom minn kull tbatija,
u tfejqilhom il-feriti emozzjonali li ħallewlhom
is-sitwazzjonijiet krudili li sabu ruħhom fihom.

**KANT**

**Qari:** *Waqt żjara privata minn grupp ta' żgħażagħ Rumeni fi Frar 2018*

Għaliex il-ħajja hi daqstant iebsa? Għaliex ommi abbandunatni? Għaliex in-nies jiġġudikawni? Għaliex ħajti hi daqshekk iebsa? Dawn kienu ftit mill-mistoqsijiet li grupp ta' żgħażagħ Rumeni għamlu lill-Papa Franġisku waqt laqgħa privata li kellhom miegħu fil-Vatikan is-sena l-oħra.
Liż-żgħażagħ il-Papa Franġisku qalilhom li beka x'ħin qara waħda mill-mistoqsijiet dwar tifel li kien abbandunat minn ommu meta kien għadu tarbija, u mbagħad hi reġgħet ċaħditu meta mar ifittixha fl-età taż-żgħożija. "Għaliex m'aċċettatnix?" staqsieh il-ġuvnott. "Xi ħtija għandi jien?"...........
Bi tweġiba għal mistoqsija għala l-ħajja hi daqstant inġusta u oħra dwar tifel li miet fl-orfanatrofju, il-Papa qal li kultant ma hemmx tweġiba għal ċerti mistoqsijiet, l-aktar meta nistaqsu r-raġuni għaliex it-tfal ibatu. It-tweġibiet jiġu biss mingħand Alla li jrid ifejjaq l-uġigħ tagħna. L-istess bħalma Ġesù qal lid-dixxipli, li la r-raġel għama u

lanqas il-ġenituri tiegħu ma kienu ħatja tas-sitwazzjoni li kien jinsab fiha. Alla jwieġeb billi jiltaqa' magħna fil-mard u t-tbatija, iħaddanna miegħu u jfejjaq l-uġigħ tagħna.

Mulej, xi kultant kemm hi krudili l-ħajja?
Għaliex ċertu tfal jgħaddu minn martirju fuq din l-art?
Kemm hi kiefra u inġusta l-ħajja li żżomm
lil dawn it-tfal innoċenti, vittmi ta' sitwazzjoni tal-biża'!
Waqt iż-żjara ta' Papa Franġisku f'pajjiżha,
tfajla ta' tnax-il sena mill-Filippini,
li meta kienet żgħira ma kellhiex fejn toqgħod
u kienet tiġġerra barra, staqsietu:
"Għaliex xi ġenituri jabbandunaw lil uliedhom
u dawn jispiċċaw vittmi ta' drogi u ta' prostituzzjoni?"
Il-Papa wieġeb li m'hawnx tweġiba għall-mistoqsija tagħha,
ħlief li aħna nibdew nifhmu s-sitwazzjonijiet tal-foqra,
kif ukoll inħarsu lejhom b'kompassjoni u nippruvaw ngħinuhom.
Mulej, sfortunatament f'ħafna pajjiżi fejn it-tfal ibatu bil-kbir,
m'hemmmx liġijiet biex iħarsu lit-tfal
u, fejn jeżistu, xi kultant mhumiex infurzati.
Mulej, agħti d-dehen lill-mexxejja ta' dawn il-pajjiżi
sabiex ma jħallux l-ekonomija tiddetta x'għandu jsir,
u sabiex jagħmlu minn kollox biex
it-tfal ma jispiċċawx vittmi u skjavi,
u ma jkollhomx għalfejn ibatu bla bżonn.
Mulej, nafdaw f'idejk lit-tfal kollha abbandunati jew abbużati,
lil dawk it-tfal li sabu ruħhom f'postijiet fejn hemm il-gwerer,
jew li waqgħu f'idejn xi terroristi, kif ukoll
lil dawk li ma jafux x'jiġifieri mħabba jew tama.
Mulej, nitolbuk sabiex tgħinhom isibu l-wens
u t-tama li tant għandhom bżonn.

**KANT**

**Nitolbu flimkien**

Nitolbu skont il-fehma tal-Papa, biex kull pajjiż ikun determinat u jagħmel minn kollox biex iħares l-ewwel il-futur tal-aktar ċkejknin, speċjalment dawk li qed ibatu.

Nitolbu... Ismagħna nitolbuk Mulej.

Mulej, nitolbuk għal dawk it-tfal li huma abbużati u li tilfu kull tama li għad jgħixu ħajja kwieta u trankwilla. Kun int magħhom f'dan iż-żmien diffiċli li huma għaddejjin minnu.

Nitolbu... Ismagħna nitolbuk Mulej.

Mulej nitolbuk sabiex it-tfal li qed jiġu ttrattati ħażin, jew li huma mċaħħda mid-dritt tagħhom li jgħixu t-tfulija tagħhom b'mod paċifiku u ferrieħi, sabiex isibu min jaħdem b'kuraġġ kbir biex jgħinhom isibu futur mimli tama.

Nitolbu... Ismagħna nitolbuk Mulej.

Mulej, nitolbuk sabiex tipprovdi lit-tfal abbużati l-mezzi biex ikunu jistgħu jaħarbu u jeħilsu minn min qed jabbużahom. Nitolbuk sabiex tagħtihom il-fejqan mill-feriti kollha li dan l-abbuż iħalli f'ħajjithom.

Nitolbu... Ismagħna nitolbuk Mulej.

Nitolbu biex, dawk li jabbużaw mit-tfal jew iweġġgħuhom jew jużaw lit-tfal biex jagħmlu xi tip ta' qligħ illegalment, jinqabdu u jieħdu l-piena skont il-liġi li tixirqilhom. Jalla Mulej jagħrfu l-ħsara kbira li jkunu wettqu fuq it-tfal u jindmu minn dnubithom.

Nitolbu... Ismagħna nitolbuk Mulej.

Mulej, nitolbuk għal dawk kollha li jaħdmu ma' tfal li għaddew minn tbatija kbira biex juruhom imħabba kbira sabiex it-tfal jitgħallmu jħobbu u jafdaw mill-ġdid. Għinhom, Mulej, ħalli huma wkoll jesperjenzaw l-imħabba kbira tiegħek permezz ta' min jaħdem magħhom jew jilqagħhom f'daru.

Nitolbu... Ismagħna nitolbuk Mulej

Missier, xi drabi ma jirnexxilniex nipproteġu l-ħajja innoċenti tat-tfal u minflok nippreferu nissodisfaw il-ħtiġijiet ta' sistemi politiċi inġusti. Dawwal lil min ifassal il-politika ta' kull pajjiż sabiex jinstabu soluzzjonijiet li jagħtu prijorità lill-interessi tat-tfal l-ewwel u qabel kollox.

Nitolbu... Ismagħna nitolbuk Mulej.